KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

TAS-SLIEMA

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 44

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 11 t' April 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa The Palace Hotel.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Graziella Attard Previ | Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | John Pillow | Viċi Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principle Assistant Officer |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6.05pm:*

*44.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 4.2;*
*44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*44.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*44.5 Rapporti ;*
*44.6 Items Oħra ;*
*44.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*44.9 Mozzjonijiet ;*
*44.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 44.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

44.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Viċi Sindku, kif ukoll il-Kunsillier D. Muscat infurmaw illi se jkunu tard.

## 44.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 43

44.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier L.Borg issekondaħ. Il-Kunsill qabel unaniment. *Approvazzjoni tal-Minuti*

**Il-kunsillier K.Wain daħal għall-ħabta ta' 18:10**

## 44.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

44.3.1 Is-Sindku qalet illi kulħadd kellu jirċievi dokument bl-updates dwar il-proġetti mingħand is-Segretarju Eżekuttiv u irringrazzjatu għad-dokument. Il-kommunikazzjoni dejjem se ssir mall-membri fil-kumitat ta' kull proġett, b'updates qabel kull laqgħa lil kunsilliera kollha. *Update dwar proġetti*

44.3.2 Is-Sindku qalet illi rċeviet talba mingħand Exiles għall-assistenza għax-xiri ta' tagħmir. Il-kunsillier A.Debono qal illi kella tiġi diskussa baġit għal dawn il-klabbs sportivi. *Exiles*
Il-kunsillier J.Dougall qal illi għandna nimxu ma xi gwidi għal dawn it-tipi ta' applikazzjonijiet sabiex naraw min jikwalifika.
Kien hemm qbil illi l-Kunsill tagħti l-assistenza.

44.3.3 Is-Sindku informat illi l-klassijiet għall-użu tal-audiobooks fuq il-kindle huma fully-booked. Talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex nagħmlu lezzjonijiet oħra għal kull eta. Il-prezz se tkun ta' €750+VAT għal kull grupp ta' 16 il-persuna. Kien hemm qbil. *Kindles*

*Kontroll ta' ħamiem*

44.3.4 Is-Sindku qalet illi l-iskema għall-kontroll ta' ħamiem se tibda dalwaqt u li se joħorġu flyers u applikazzjonijiet dalwaqt. Se tkun fuq bażi *first come first served.* Talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex nużaw is-servizz ta' kumpanija privata għad-distribuzzjoni tal-posters u applikazzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu.

**Il-kunsillier P.Radmilli wasal fis-18:35**

*Tiġieġ: Ġnien Independenza*

44.3.5 Is-Sindku qalet illi hemm ħafna tgergir dwar l-ammont ta' tiġieġ ġewwa Ġnien Independenza. Qalet illi saret fence izda xorta waħda qegħdin jaqbzu minn fuq. Ipproponiet illi tingħalaq bil-wire-fence.

Wara diskussjoni ġie deċiż illi tiġi imsaqqfa din il-parti li se tingħalaq, waqt illi nagħtu ftit minnhom lil xi ħadd li lest iżommhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qabel ma jingħalqu ġewwa 'gaġġa', speċjalment la kien hemm domandi mingħand kunsilliera dwar l-effect li tista tagħmilhom ix-xemx tas-sajf, se jibgħat lil Animal Welfare qabel ma nkomplu bl-ideja.

Kien hemm approvazzjoni.

*Health Bar*

44.3.6 Is-Sindku qalet illi kien hemm talba biex isir Health Bar fuq il-bajja fejn Paradise. Kien hemm qbil unanimu li din m'għandiex tingħata No Objection.

*Sqaq: Tower road*

44.3.7 Is-Sindku qalet illi hemm hemm sqaq ġewwa Tower road [l-ewwel waħda fuq ix-xellug meta ddur minn Zara] li dejjem tkun mimli bil-karozzi avolja hemm double yellow fuq iż-żewġ naħat. Staqsiet jekk hemm qbil illi din tingħalaq.

Il-kunsillier D.Soler qal illi hemm Un/Loading għal tlett ħwienet illi hemm allura trid tibqa miftuħa għal dawn il-ħwienet.

Il-kunsillier A.Debono fakkar illi qed nistennew disinji għall-isqaqien tal-lokalita fejn din il-proġett tista tkun parti minnha. Kien hemm qbil.

*Villa Schinas*

44.3.8 Is-Sindku talbet lil kunsillier P.Radmilli biex jagħti rendikont tal-laqgħa li saret mall-Planning Authority dwar Villa Schinas. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kienet laqgħa pożittiva immens u

possibli li nużaw il-fondi għal kull aspett. Se tkun possibli wkoll illi nikru s-sala ta' fuq u mhux se jkun hemm tnaqqis ta' fondi jekk indaħħlu flus minn kirja ta' sular.

**Il-kunsillier P.Portelli talab illi jkun skużat għal ħabta ta' 19:10**

Il-kunsillier P.Radmilli kompla jgħid illi fl-opinjoni tiegħu għandna nonfqu l-flus illi hemm disponnibli bħala DPF la ma nafux kemm se jiżdied fil-futur u nafu li hemm dawk illi għandna llum il-ġurnata.
Is-Sindku qalet illi għalhekk hemm bzonn deċiżjoni dwar il-car park.
Wara diskussjoni ġie deċiż illi tintbgħat ittra oħra lil Curia dwar Villa Schinas, u li tittieħed deċiżjoni waqt laqgħa tal-fondi dwar il-Car Park.

44.3.9 Is-Sindku qalet illi waslet talba biex isir attivita għal jum l-Omm u hemm bzonn l-approvazzjoni. Kien hemm qbil illi ssir laqgħa mall-organizattur sabiex jiġu stabilixxi xi affarijiet.

44.3.10 Is-Sindku qalet illi waslet talba biex isir power-wash fejn Exiles minħabba area li hemm ta' periklu peress illi tiżloq. Il-kunsillier A.Debono offra li jsur il-bajjiet u jara liema areas għandom bzonn power-wash. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm is-CfQ li ħarġet is-sena l-oħra li tista terġa toħroġ.

## 44.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

44.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 44.5 RAPPORTI

44.5.1 Il-kunsillier K.Wain ilmenta dwar il-knis u għax m'hemmx bizzejjed infurzar. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi din il-parti tal-Aġenda hi għar-rapporti tal-Contracts Manager dwar ix-xogħol tal-kuntratturi

44.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li intbagħtet l-Aġenda rċieva informazzjoni finali dwar il-baġit għall-approvazzjoni. Intbagħtet ukoll dokument bi spjegazzjoni tal-baġit u ġew diskussi ftit punti. Approvazzjoni Budget
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm diferrenza kbira bejn l-infieq u d-dħul izda din se tkun riżultat tas-surplus li akkwista l-Kunsill matul is-snin.

Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li l-baġit tiġi approvata. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

44.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi saret l-evalwazzjoni tat-tender tal-istreet lighting. Qara r-rapport fejn kien hemm bid wieħed li kien compliant. Il-kunsillier D.Soler ippropona li tiġi approvata. Il-kunsillier L.Borg issekondaħ. Il-kunsillier qabel unaniment.

**44.6 ITEMS OĦRA**

44.6.1 Ġie diskuss il-kont tal-Perit rigward il-Car Park ta' ġnien Margaret Mortimer. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-proġett qatt ma ġiet abbandunata u għalhekk iridu nħallsu 2% skont Tariff K fil-preżent. Qal illi rridu naraw l-ammont għalhiex il-BoQ tidher essaġerrata ħafna. Ippropona li fil-preżent nħallsu l-persentaġġ fuq €2 miljun, u nħallsu d-differenza fl-aħħar pagament illi għanda ssir. Car Park.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar, sabiex l-informazzjoni tkun konkreta, illi l-persentaġġ hija maħduma fuq l-ammont li ma tinkludix it-taxxa [18%], kif ukoll il-commission [10%]. Is-somma li ġiet mitluba mhix 2% fuq il-BoQ izda 1%.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-passat, skont l-informazzjoni li kien ingħata s-Segretarju Eżekuttiv qabel il-laqgħa, diġa konna ħallasna l-ammont ta' €6,460.

Il-kunsillier P.Radmilli kompla li alternattiva oħra tkun illi nieħdu ħsieb il-Playing Field, waqt illi l-privat ikompli bl-ideja tal-parkeġġ u ħlas tal-Perit.

Wara diskussjoni ġie deċiż illi l-Kunsill jibgħat lil Perit illi l-ammont li jaffordja l-Kunsill huwa ta' miljun ewro sabiex fil-preżent il-persentaġġi jitħallsu fuq dak l-ammont. Id-differenza tinħareġ fl-aħħar pagament. Mill-pagament ta' 2% ta' stima ta' miljun ewro għandom jitnaqqsu l-pagamenti ta' servizzi ta' Perit li jammontaw għal €6,460. Flimkien mall-pagament ser tintbagħat spjega bil-miktub illi l-prezz ikkwotat fil-BOQ mhuwiex rejalistiku u ma jistax jitewettaq mill-fondi tal-Kunsill u tad-DPF. Il-Kunsill għad għandu l-intenzjoni li jkompli jaħdem fuq il-proġett. Għanda ssir nota li l-pagament qed isir mingħajr preġudizzju legali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li impjegata li kienet bil-maternity se terġa lura għax-xogħol izda għall-bidu se taħdem mid-dar. Tkun tista tirrispondi t-telefon tal-uffiċju, kif ukoll tieħu ħsieb Customer Care. Se taħdem hekk għal mhux izjed minn tlett xhur.

44.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi d-Deputata Segretarja Eżekuttiva ma

tixtieqx iġedded l-irwol u hemm bzonn insibu persuna oħra. Din tista tkun impjegata tal-Kunsill ta' Skala 11, jew inkella Segretarji Eżekuttivi ta' kunsilli oħrajn.

44.6.3 **Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-laqgħa titkompla**

44.6.4 Il-Kunsillier A.Debono staqsa dwar il-bridge ta' Manoel Dimech u x'se jiġri dwar il-ħsarat illi hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt illi kien ingħata l-isem tal-kumpanija li kienu għamlu l-ħsarat, m'għandux in-numru tar-rapport tal-pulizija. Żied illi xi xhur ilu kien anka kellem ma kuntratturi sabiex jipprovdu stimi izda dawn qatt ma waslu. Manoel Dimech Bridge.

44.6.5 Il-kunsillier A.Debono qal illi hemm ktieb 'Raiders passed in Sliema' li tispjega t-traġedji li seħħu fil-lokalita waqt it-tieni gwerra dinjija. Għamel talba biex isir bħala auto-book. Kien hemm qbil mill-Kunsill. Audio-book

44.6.6 Il-Kunsillier A.Debono staqsa dwar il-possibilita li jitpoġġew magni li jagħtu l-flus lura meta wieħed jarmi flixken tal-plastikk. Flixken tal-plastikk

44.6.7 Il-kunsillier A.Debono qal illi l-planters ta' triq Manoel Dimech u triq Għar il-Lembi mhux qed jingħataw ilma. Planters

44.6.8 Il-kunsillier K.Wain qal illi l-binja fejn kien hemm iċ-Ċentru tas-Saħħa ġewwa triq Sir Adrian Dingli għanda bzonn mantunenzjoni u qegħda f'stat ta' deterjorament. Se tintbagħat lil Lands ħalli jieħdu ħsieb ix-xogħolijiet neċessarji. *Ex-Health Centre*

Il-kunsillier A.Debono ppropona li bħala Kunsill nitolbu d-devoluzzjoni ta' din il-binja sabiex tintuża f'isem il-lokalita.

44.6.9 Il-kunsillier J.Dougall qal illi m'hemm l-ebda dawl max-Xatt ta' Tigne. Kien hemm qbil mill-Kunsill sabiex isir dawl provviżorju peress illi EneMalta għadom ma sabux il-problema. Is-sur Dougall fakkar ukoll dwar in-nuqqas ta' dawl ġewwa triq Bisazza. Dawl: Ix-Xatt ta' Tigne

44.6.10 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm żewġ proġetti tad-DPF li konna weħħilna fihom u għalhekk konna bagħtna lil Ministru Onor. Aaron Farrugia li kien wieġeb u fehem il-frustrazzjonijiet tal-Kunsill. Peress illi issa hemm Ministru ġdid ippropona li tintbagħat ittra oħra lil Ministru sabiex bħala Kunsill naraw illi dawn il-proġetti ma Proġetti ta' Sacro Cuore u Stella Maris: Curia-PA

jitnessewx. L-iskambju ta' l-ittri li kien hemm mall-Ministru Aaron Farrugia jkun meħmuż mall-korrispondenza li ser tintbgħat lil Ministru l-ġdid.

44.6.11 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi qed jintbagħtu l-istess ilmenti lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u l-problemi qegħdin jirrepettu ruħhom. Ippropona li jkun hemm penalty fuq il-kont illi jmiss. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-penali huma stipulati fil-kuntratt u se titneħħa skont il-ftehim. Piling

44.6.12 Is-Sindku pproponiet illi nitolbu laqgħa oħra lil Ministru l-ġdid biex tiġi diskussa r-Residential Parking. Residential Parking

44.6.13 Il-kunsillier A.Debono rringrazzja lis-sur Edmund Fenech għall-għajnuna tiegħu biex titlesta l-fuljett tal-Għid. Is-Sindku rringrazzjat lil kunsillier A.Debono għax-xogħol illi għamel sabiex isiru s-slaleb madwar il-lokalita għaz-zmien l-Għid. Festi tal-Għid.

44.6.14 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa fakkar illi hemm 7 tenders/CfQ's illi għadom ma ġewx evalwati. Kien hemm qbil li se jsir sforz mill-kunsilliera kollha sabiex sal-laqgħa li jmiss, jingħalqu dawn l-evalwazzjonijiet kollha. Tenders

## 44.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

44.7.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 44.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

44.8.1 Il-Kunsillier E. Borg propona li l-pagamenti jiġu approvati Il-Kunsilliera I. Fenech issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. Approvazzjoni tal-pagamenti

## 44.9 MOZZJONIJIET

44.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 44.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

44.10.1 Is-seduta ntemmet fid-21.40. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar

it-Tnejn 9 ta' Mejju, 2022 fis-6pm

Minuti approvati Ilum 9 ta' Mejju 2022

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Graziella Attard Previ** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |